Għax kien hemm fik, tħabbat f'sidrek magħluqa
Qalb ta' poeta kbira,
Tfewwaħ bil-benna tas-sabiħ u t-tajjeb
Li jfur fuq wiċċ dil-gżira.

U f'qalbek ta' poeta kellek tħeġġeġ
Ta' mħabba safja l-ħrara,
Li minnha ħarġu l-poeżiji tiegħek
Jikwu tan-nar bħal xrara.

U biha, b'din l-imħabba, ħebbejt 'l għajrek
Ħabbejt lill-fqir u ċ-ċkejken
U nissilt dejjem dawl ta' ħajja u faraġ
Fil-qalb ta' kull imsejken.

Il-lum, Rużar, għalkemm biss għadek fostna
Bil-fdalijiet ta' ġismek,
Imma għadek ħaj ġo qalbna u tibqa' magħna
Bid-dawl u l-ġieħ ta' ismek.

U nibqgħu inħobbuk u fik niftakru,
Fil-poeżija tiegħek,
Illi bil-qawwa tal-liriżmu tagħna
Tibqa' torbotna miegħek.

Ilqa', Mulej, lil dan il-qaddej tiegħek
Hemm fuq f'saltnet id-dija,
Li hu fil-ħajja dejjem xtaq u ħolom
Fil-ħolm tal-poeżija.

Agħtih, Mulej agħti lil ruħu għażiża,
L-hena li l-qalb ixxabba',
L-hena li r-ruħ tista' biss Minnek tixrob
Baħar ta' qies, ta' mħabba.



## KELLIMNI FUQ RUŻAR

Ta' ĠUŻE' CARDONA

Kellimni, kellimni, Sinjura mbikkija
Fuq Żewġek Poeta, Poeta mill-kbar;
Fakkarni f'li ġarrab tul ħajtu mogħtija
Għall-ġmiel, għat-tjubija... li sqewh bosta mrar.

Fakkarni x'kien igħidlek fuq Malta ħanina,
Fuq Malta li għanna b'imħabba tal-ġenn
F'*Ġens Malti*, f'*Ir-Rebħa*, ukoll f'*Jum ir-Rebħa*...
Fakkarni f'mħabbtu li bħalha ftit hemm.

Tennili x'kien jaħseb f'qiegħ ruħu sabiħa
Fuq Emmna, fuq Alla, fuq Omm l-Imnikktin;
Urini kemm sabar għallmitu dil-Fidi,
Il-kenn li sab fiha mill-ħqir tal-bnedmin.

Urini kemm xenaq Rużar għall-imħabba
Ta' niesu, ta' ħbiebu; kemm ħabb dan l-Ilsien
Li tiegħu sar prinċep għalkemm qatt ma tkabbar
U ġwejjed bħal tifel ried jibqa' sat-tmiem.

Għallimni, Sinjura, inħobbu wisq iżjed;
Berraħli kemm tista' il-qalb ta' Rużar;
Jekk qalbek isserraħ x'ħin fuqu titkellem
Issokta ħeġġiġli għalih dan in-nar!

Sliema, 1 ta' Mejju.